L-Apostolat tal-Bahar

Fil-Kustodja

Ta'

L-Art Imqaddsa



L-Erbatax-il-Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1968 | Għadd 4.

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." — Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA



L-Erbatax-il-Sena OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1968 Għadd 4.

X'FIH DAN IL-GĦADD

ĠIEH U SLIEM (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... 97

**L-EWWEL TAQSIMA — DAWL**

Il-Baqra u l-Ħmar fil-Għar ta' Betlehem ... ... ... ... 98
Tifkiriet tal-Baħar ta' Tabarija ... ... ... ... ... 102
L-Apostolat tal-Baħar fl-Art Imqaddsa (P.G.G.) ... ... ... 105
San Lwiġi IX u l-Franġiskani fil-Vant (P.N.M.) ... ... ... 108
Is-Santwarju ta' Emmaus (P. Mikiel Catania O.F.M.) ... ... 112

**IT-TIENI TAQSIMA — IMHABBA**

Patri Pawla O.F.M. u Missjunarja fl-Art Imqaddsa (P.N.M.) ... 116
Driegħ il-Mulej fl-Istorja tal-Ġens Lhudi (A.M.G.) ... ... 119
Tlugħ u Nżul f'Moħħ Nikodemu (P.E. Tonin) ... ... ... 120
Wied Ġosafat (P. Mikiel Catania, O.F.M.) ... ... ... 125
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... 127
Mejtin ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 128

*Direzzjoni:* W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni:* R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# GIEH U SLIEMA

*Dak il-għana ħlejju ta' Ġieħ u ta' Sliema mibdi mill-Anġli u msemma' fil-beraħ għoli tan-naħat ta' Betlehem fil-Palestina, aktarx, bħala dwi xi ftit mitfi, kien wasal ukoll f'dak il-Għar fejn Marija, mart Ġużeppi ta' Nazzaret, għarkobtejha, mgħarra, f'kotra ta' dawl u ta' ferħ, kienet f'qagħda ta' qima u ta' adorazzjoni fuq Binha-Tarbija li kien għadu kemm twieled u qiegħed f'maxtura. Iżda Marija, fl-estasi ta' dik id-dehra, ferħ u ġieħ ieħor ma ħassitx ħlief dak biss li kien ġej minn Binha fil-maxtura ta' dak il-Għar. Imma jaslu hemmhekk ir-Ragħajja, li ma kienux wisq bogħod minn dak l-imkien, u dawn huma nfushom iwasslu l-messaġġ ta' ferħ ta' sliema u ta' ġieħ: irsula rsulijiet tas-Sema.*

*F'jum il-Bxara l-Kbira, Gabrieli kien ħabbar lil Marija: "Hu jkun kbir — jissejjaħ Bin l-Għola — Sultan ta' ħakma bla tmiem". U dawn l-aħbarijiet kienu għall-qalb ta' Marija bħala kwiekeb dehbin li mlewwha bil-ferħ.*

*F'jum it-Twelid, imbgħad, il-messaġġ ta' Gabrieli ġie msaħħaħ u mitmum, u dan kien ta' ferħ hekk kbir, li saħansitra fis-Smewwiet, l-Anġli, li wara l-waqgħa fid-dnub kienu baqgħu siekta, semmgħu mill-ġdid leħinhom b'għana ta' ferħ u ta' faraġ fuq l-art għajjiena: "La tibżgħux! Dak li twieled Bambin ċkejken ikun ta' kbir ferħ għal-ġnus kollha ta' l-art — Feddej-Salvatur" — Bih jingħata l-għola ġieħ kif jistħoqqlu lill-Mulej: "Gloria in excelsis Deo" u s-Sliema tinżel fuq il-ġnus kollha ta' l-art: "Et in terra pax hominibus".*

*Ġieħ u Sliem! Gloria et Pax — Gloria Deo et pax hominibus! — Iwa, għax dak il-Bambin iressaq u jorbot flimkien is-Sema u l-Art, iħabbibhom, igħaqqadhom! Bih, aħna li aħna f'għamilna meqjusin, ġejna nistgħu nagħtu ġieħ kif jistħoqqlu lil Dak li huwa ta' bla qies.*

*Sliem — Paci!... Sabieħa... meħtieġa l-paċi! Meħtieġa, iwa, għalina l-paċi! Iżda, jaħasra, wisq drabi fit-tiġrib li tintilef. Aktarx li f'ebda żmien ta' l-istorja ma kienet tinħass ix-xewqa tal-paċi daqs il-lum. Aħna wlied is-seklu XX imheddin bla heda minn gwerer ta' qerda bla qies......*

*Is-smiegħ tad-daqq tal-qniepen ta' Betlehem iħabbru u jfakkru t-Twelid tal-Prinċep tal-Paċi hu xaqq fejjiedi ta' sliem għall-ġnus ta' Rieda Tajba; minnu jinħoloq il-qies u l-ordni fost l-għawġ li jsaltan fi qlubna u forsi it-taħwid politku tal-ġnus tad-dinja; hu jietedinna biex nersqu lejn Alla u jqanqal fina l-imħabba lejn għajrna.*

*Doqqu, għalhekk, u semmgħu l-ħelu leħinkom, O qniepen ta' Betlem. Semmgħu ma' l-erbat irjieħ tad-dinja l-istedina mwassla lilna mill-Anġli "Gieħ lill-Alla fl-għoli tas-Smewwiet, u Paċi fl-art lill-bnedmin ta' Rieda tajba".*

*Bejn ġieħ u paċi hemm rabta qisha ġewwenija: Min iagħti ġieħ lil Alla għandu fih il-paċi, għax il-ġieħ mogħti kif jistħoqqlu lill-Mulej joħloq fil-bniedem il-Paċi! Fiat!*

**ID-DIREZZJONI**